**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 384/2016JB

Numru: 3

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Dardouri Mohamed Ridha (K.I.: 362798M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-16 ta' Settembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef, hames mija u erbghin euro u tmenin centezmu (€3,540.80) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali numru 1511/2015 u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 9);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat bl-atti (a fol 10), ipprezenta risposta nhar id-19 ta' Ottubru 2016 (a fol 11) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-ammont reklamat mhuwiex dovut;

2. Illi l-kontijiet mahruga mis-Socjeta Attrici, partikolarment izda mhux limitatament ghall-kejl tal-uzu tad-*data* imorru kontra regoli Ewropej enforzabbli f'Malta intizi sabiex jipprotegu l-konsumatur u ghalhekk l-ammont reklamat mhuwiex dovut;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-Konvenut kellu servizzi diversi mas-Socjeta Attrici u kien juza s-servizzi ta' telefonija sabiex jaghmel telefonati internazzjonali. Jidher, mix-xhieda ta' Charmaine Wiffen (a fol 26) li fl-20 ta' Novembru 2014 intbaghat messagg lill-Konvenut li jghidlu li l-limitu tas-servizz tar-*roaming* kien se jintlahaq u dan min-naha tieghu ghazel li jibqa' ghaddej bit-telefonati u baghat messagg ghal dan il-ghan. Dan ikkonfermah ukoll Christian Spiteri, li hu impjegat tekniku mas-Socjeta Attrici meta xehed (a fol 36). Jidher li meta nhargu kontijiet ma baqghux jithallsu mill-bank sakemm is-servizz gie sospiz f'Ottubru 2014. Jidher li l-ispiza tar-*roaming* wahedha tammonta ghal €2,084.63. Maryanne Camilleri in rapprezentanza tas-Socjeta Attrici, xehdet (a fol 39) u kkonfermat li s-somma dovuta mill-Konvenut hi ta' €3,540.80. Minkejja l-opportunita li kellu sabiex iressaq provi, il-Konvenut ma ressaq ebda prova ghad li saru kontro-ezamijiet.

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk jixraq li t-talba tintlaqa' prevja li l-eccezzjonijiet jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas is-somma ta' €3,540.80 lis-Socjeta Attrici bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza. Spejjez kif mitluba fl-Avviz a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*